# *OLIVER FRIGGIERI*
# (1947-2020)

## Iben denn tal-Floriana u ta' Malta

*minn Nigel Holland*

**Ftit xhur ilu, eżattament fil-21 ta' Novembru, 2020, ġriet l-aħbar ma' Malta kollha li l-Professur Oliver Friggieri kien ħalla lil din id-dinja. Ma' din l-aħbar, inħasset diqa madwar il-pajjiż kollu iżda fl-istess ħin bdiet nixxiegħa ta' apprezzamenti u eloġji lejn dan il-persunaġġ li fil-kobor tal-għerf tiegħu kien jagħraf ukoll il-kobor tal-umilta` ġenwina mnebbħa minn rispett sinċier lejn kull esseri uman, hu x'inhu l-istat soċjali tiegħu u jokkupax pożizzjoni għolja jew le, u għalhekk Oliver Friggieri kien irreċiprokat billi kien igawdi huwa wkoll mir-rispett u l-affezzjoni ta' kulħadd.**

**Għaldaqstant it-telfa tiegħu inħasset mill-Maltin kollha għalkemm ma nkunu qed nikxfu l-ebda sigriet meta ngħidu li nħasset l-aktar minna l-konċittadini Furjanizi tiegħu.**

Oliver Friggieri twieled fil-Floriana fis-27 ta' Marzu, 1947. Attenda l-iskola Primarja tal-Floriana mbagħad kompla l-istudji sekondarji tiegħu fis-Seminarju Minuri tal-Arċisqof fil-Floriana wkoll. Għamel xi żmien ukoll fis-Seminarju Maġġuri. Daħal fl-Universita` Rjali ta' Malta fl-1964 u beda tiela' pass pass l-iskaluni li kellhom eventwalment iwassluh għad-dottorat fil-Letteratura Maltija fl-1978. Imbagħad inħatar professur fl-1990.

### Il-Floriana tibqa' dejjem f'qalbu

Minkejja l-avvanzi akkademiċi kbar li għamel fuq medda ta' snin, Oliver Friggieri qatt ma nesa l-lokalita` li kien twieled fiha u li tagħha kien iben denn. Minn eta` żgħira kien jikteb sunetti ddedikati lill-Patrun tal-Floriana San Publju mbagħad baqa' jikkontribwixxi regolarment kitbiet għall-gazzetta 'Il-Furjana', l-organu uffiċjali tal-FSOBIANS, li tagħha serva wkoll għal ftit żmien bħala editur.

Fost ix-xogħlijiet tiegħu b'laqta Furjaniża kien hemm il-pubblikazzjoni 'Stejjer għal qabel jidlam', stejjer ispirati sikwit minn karattri Furjaniżi. Friggieri kellu diversi kitbiet oħra ambjentati fil-Floriana jew ispirati mill-ambjent Furjaniż. Fosthom insibu 'Ġiżimin li qatt ma jiftaħ' li huwa ambjentat fil-Floriana, l-aktar fil-parti magħrufa bħala Balzunetta.

Il-kantata 'Ħodon Fjuri lil San Publju' (2010), li tagħha kiteb il-kliem, huwa l-ogħla tribut li ta lill-qaddis patrun tiegħu u tagħna.

'Żewġ artisti fil-Furjana: Vincenzo Dimech u Vincenzo Bugeja' (1997) hija pubblikazzjoni oħra tiegħu marbuta mal-istatwa ta' San Publju u l-mużika li tindaqq fil-festa tal-qaddis fil-Floriana.

Fl-2006 il-Professur Oliver Friggieri laqa' t-talba biex jikteb il-kliem għall-Innu tas-Soċjeta' Filarmonika Vilhena, li tagħha kien President Onorarju sa mill-2002, għall-mużika tas-Surmast Adeodato Gatt.



## Kittieb prolifiku ta' fama internazzjonali

Oliver Friggieri kellu madwar 60 ktieb ippubblikati f'Malta u f'pajjiżi barranin. Ir-rumanzi, in-novelli u l-poeżiji tiegħu ġew maqlubin f'diveri lingwi. Kotba tiegħu dehru bl-Ingliż, Taljan, Franċiż, Maċedonjan, Sloven, Serbo-Kroat, Grieg, Rumen, Għarbi Bengali, Finlandiħ u Urdu.

Huwa rebbiegħ ta' diversi premjijiet internazzjonali fosthom tal-Premio Mediterraneo Internazionale (Palermo, 1988).

Snin qabel, fil-11 ta' Lulju, 1982 Friggieri kien rebaħ l-ewwel premju fl-14-il Premio Letterario Silarus 1982 għall-kritika letterarja li jiġi organizzat kull sena mir-rivista kulturali Silarus li tiġi ppubblikata f'Salerno, l-Italja

Ħadem ħafna biex il-Malti jieħu postu fil-ħajja soċjali u edukattiva u b'diskorsi f'għadd kbir ta' Kungressi internazzjonali inserixxa isem Malta fid-dinja letterarja. Għalhekk bħalma kien iben denn tal-Floriana, il-Professur Oliver Friggieri kien iben ukoll iben denn ta' Malta.

L-istudji tiegħu, bl-Ingliż u t-Taljan, dehru f'għadd kbir ta' rivisti akkademiċi madwar id-dinja u l-poeżiji tiegħu nqraw f'diversi recitals internazzjonali fi bliet ewlenin. Qaleb għall-Malti bosta xogħlijiet mil-Latin, Ingliż u Taljan. Kien membru tal-Association Internationales des Critiques Litteraires (Parigi) u tal-Academia Internationala Mihai Eminescu (Craiova), Kap tad-Dipartiment tal-Malti fl-Universita` u kontributur regulari ta' diversi rivisti barranin.

## Ġieħ min-nazzjon Malti

Il-Professur Oliver Friggieri ġustament ingħata l-ogħla gieħ min-nazzjon Malti għal dak kollu li wettaq b'risq l-ilsien Malti u l-letteratura Maltija.

Kien irċieva l-midalja tad-deheb Ġieħ l-Akkademja tal-Malti fl-2016. Snin, qabel, fl-1999, kien ġie maħtur Membru tal-Ordni Nazzjonali tal-Mertu.

Saħansitra anki l-Gvern Taljan ħass li kellu jonorah u fl-2012 inħatar bħala Membru tal-Ordni tal-Mertu tar-Repubblika Taljana.

Il-Professur Oliver Friggieri ġie onorat anki f'mewtu meta l-Gvern Malti indaħal biex jorganizza l-funeral tiegħu li sar fil-25 ta' Novembru, 2020, fil-Konkatidral ta' San Ġwann fil-Belt u ddikjara dak il-jum bħala jum nazzjonali ta' luttu. Il-quddiesa funebri tmexxiet mill-Arċisqof ta' Malta Charles J, Scicluna.

Kien bix-xieraq ukoll li qabel mal-korteo funebri wasal il-Belt, għamel waqfa quddiem il-Knisja Arċipretali u Parrokkjali ta' San Publju fil-Floriana fejn il-Wisq Reverendu Kanonku Dun Charles Cini, Arċipriet tal-Floriana, bierek it-tebut. Hekk kien jixraq lil dan l-iben denn tal-Floriana u ta' Malta.